MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 727/2003

**Citadel Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Mizzi u l-istess Alfred Mizzi**

**Vs**

**Philip Mallia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta’ April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm621.13) rapprezentanti danni u spejjes inkorsi mill-atturi bhala konsegwenza ta’ kollizzjoni awtomobilistika li sehhet fis-17 ta’ Gunju 2001, gewwa Triq il-Konvvoy ta’ Santa Marija, Mqabba, bejn il-vettura FIL 001 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru JON

581, propjeta’ ta’ Alfred Mizzi, liema kollizzjoni sehhet unikament tort tal-imperizja, negligenza u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut ghall-liema danni u spejjes huwa unikament responsabbli l-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Jannar 2002 u bl-imghaxijet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa ecepixxa s-segwenti:-
Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaaliex ghall-incident stradali ‘de quo’ ma kienx jahti l-eccipjent.
B’riseerva tad-danni mgarrba mill-eccipjent li dwarhom qed jinterpella lil Jonathan Mizzi, sewwieq tal-vettura numru JON 581.

Sema’ x-xhieda ta’ ta’ Dr. Edmond Zammit Laferla, ta’ PS 1148, Victor Buttigieg, ta’ Alfred Mizzi, ta’ Jonathan Mizzi, Simon Grech u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Gunju 2001 fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, l-Imqabba bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JON 581 misjuqa minn Jonathan Mizzi u propjeta’ tal-attur Alfred Mizzi u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FIL 001 misjuqa mill-konvenut. Jonathan Mizzi xehed li huwa kien qed isuq fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Mairja, gej mid-direzzjoni ta’ Hal-Kirkop u sejjer fid-direzzjoni tal-Qrendi u waqt li kien qed jipprocedi b’dan il-mod harget il-vettura tal-konvenut minn parking space mal-hajt u habtet mal-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug. Dan ix-xhud jispjega li fil-hin tal-incident kien hemm hafna karozzi parkeggjati peress li kienet il-festa tal-lokal u li biswit il-vettura tal-konvenut kien hemm vettura ohra ‘double parked’. It-triq kienet libera quddiem il-vettura tal-konvenut u quddiem il-vettura ‘double parked’ hdejh. Mizzi jghid ukoll li huwa nduna li l-konvenut kien ser johrog mill-parking ghaliex rah bil-parking lights mixghulin u dan meta’ kien tul ta; vettura

l-boghod minnu izda huwa haseb li l-konvenut induna bih u kien ser jistenih jghaddi qabel ma jkompli hiereg.

Il-konvenut ikkonferma li huwa kien parkeggjat fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, mal-hajt u bil-vettura tieghu thares fid-direzzjoni tal-Qrendi. Huwa ried johrog mll-parking u jghid li qabel ma hareg hares warajh sabiex jara kienux ghaddejjin vetturi u meta ghamel hekk ra vann tal-haxix wieqaf f'nofs tat-triq u ghalhekk issuppona li ma jistghux jigu vetturi minn dik id-direzzjoni u qabad u hareg. Malli hareg mill-parking u kien ser jaqbad triqtu, hass daqqa fuq il-vettura tieghu u nduna li kien intlaqat mill-vettura ta' Jonathan Mizzi li kien gej minn warajh. Skond il-konvenut, Mizzi qabez il-linja medjana tat-triq sabiex jevita l-vann li kien parkeggjat u meta gie biex jjerga' jidhol fil-karreggjata tieghu sab il-vettura tal-konvenut u sehhet il-habta.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident de quo stante li huwa qatt ma messu ssuppona li ma kienux gejjin vetturi minn warajh minhabba l-vann li kien hemm double parked, u li skond hu kien qed jghattielu l-vizwali. F'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut messu qatt aktar attent qabel ma hareg mill-parking u messu rrealizza li l-vetturi gejjin minn warajh, minhabba l-vann parkeggjat f'nofs tat-triq, bilfors kellhom jaqbzu l-linja medjana tat-triq u mbaghgad jergghu jidhlu fil-karreggjata taghhom  Il-konvenut kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi minn warajh qabel ittenta johrog. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident mertu tal-kawza sehh proprju ghaliex il-konvenut naqas li jzomm a proper lookout qabel ma hareg mill-parking space.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm621.13), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------